**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 22 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 294/2023 AF**

**Brian Caruana**

**Joanne Caligari**

**Catherine Caruana**

**Victor Caruana**

**Catherine Cassar**

**u**

**Antonia Buhagiar**

**vs**

**Consiglia *sive* Connie Vella**

**Nazzarena Vella**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Brian Caruana, Joanne Caligari, Catherine Caruana, Victor Caruana, Catherine Cassar u Antonia Buhagiar, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-*utile dominium* temporanju tal-fond bin-numru 41, qabel numru 8, fi Triq Marsaxlokk fiz-Zejtun (minn hawn 'il quddiem imsejjah biss bhala "il-Fond").

Dan il-Fond kien originarjament inkiseb minn Gio Maria Caruana waqt iz-zwieg tieghu ma' Maria Caruana xebba Montebello, b'kuntratt ippubblikat fid-19 ta' Mejju 1948 fl-atti tan-Nutar Robert Gerard. It-territorju li fuqu gie kostruwit il-Fond kien jappartjeni il Conservatorio ta' San Guzepp ta' Bormla, li kien ikkoncedih lil Lorenzo Baldacchino u lill-ibnu Luigi Baldacchino b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghall-perjodu ta' 99 sena b'kuntratt ricevut min-Nutar Filippo Vassallo fil-15 ta' Dicembru 1888. It-terminu ta' din il-koncessjoni enfitewtika gie sussegwentement prorogat biex sar zmien ta' 150 sena li bdew jiddekorru fis-16 ta' Dicembru 1897, u dan permezz ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Kleriku Giuseppe Rossi fis-16 ta' Dicembru 1897, liema proroga giet ukoll riflessa f'kull trasferiment tal-istess *utile dominium* temporanju.

Giovanni Maria Caruana miet fid-29 ta' Dicembru 2006 filwaqt li martu Maria Caruana mietet fil-11 ta' Jannar 2016, u s-successjoni taghhom kienet regolata b'testment maghmul fit-30 ta' Lulju 1991 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar, li permezz tieghu,

salv xi legati li ma jinteressawx il-Fond, innominaw u istitwew bhala eredi universali taghhom lill-erba' wliedhom, u cioè r-rikorrenti Victor Caruana, Catherine Cassar u Antonia Buhagiar, kif ukoll lil Peter Caruana.

Peter Caruana miet fl-10 ta' Ottubru 2011, u miet intestat, u kien sopravissut minn martu Catherine Caruana u wliedu Brian Caruana u Joanne Caligari, ilkoll rikorrenti. Ghalhekk, sehem Giovanni Maria Caruana mill-Fond intiret in kwantu ghal kwart indiviz minn Peter Caruana u wara mewtu, ghadda b'titolu ta' successjoni fuq martu u wliedu. Min-naha l-ohra, in-nofs indiviz ta' Maria Caruana ma ntiritx minn Peter Caruana, billi kien premorjenti, u ntiret minn uliedu bis-sahha tas-sostituzzjoni volgari.

L-intimati Vella jikru l-Fond versu kera li llum tammonta ghal €219 fis-sena, pagabbli bil-quddiem, liema kirja ilha tigi prorogata *ex lege* sa minn zmien qabel l-1 ta' Gunju tas-sena 1995, tant li ilha tezisti favur l-axxendenti tal-intimati Vella ghal snin twal.

In kwantu l-ligi tat u qed taghti lill-intimati Vella l-jedd li jibqa' jokkupa l-Fond kontra r-rieda tar-rikorrenti, dik il-ligi hija leziva fil-konfront tad-dritt fondamentali tal-esponenti ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom, a tenur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, billi l-ligi in kwistjoni, u cioè d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (minn hawn 'l quddiem imsejha biss bhala "l-Ordinanza"), jipprovdu ghar-rilokazzjoni tal-Fond anke kontra r-rieda tal-esponenti, u dan versu l-kera insinjifikanti u li ma tirrapprezentax kumpens xieraq u adegwat favur ir-rikorrenti ghad-deprivazzjoni ta' hwejjigha u ghall-interferenza fit-tgawdija ta' hwejjigha.

Ghal dawn is-snin kollha li matulhom l-esponenti u l-awturi taghhom fit-titolu gew imgieghla jippermettu lill-intimati Vella u lill-predecessuri taghhom sabiex jithallew fit-tgawdija tal-kirja koncessa lilhom snin ilu, l-esponenti kienu u ghadhom qeghdin igarrbu lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom, a tenur tal-artikolu 1 tal-

Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-lezjoni giet riskontrata hekk:

(i) Il-kontroll fuq il-kirja koncessa lill-intimati Vella u lill-predecessuri taghhom, konsistenti mir-rilokazzjoni kontinwa u mhux interrotta tal-kirja ghal ghexieren ta' snin, kif ukoll l-iffrizar tal-kondizzjonijiet lokatizji ghall-perjodu kollu tar-rilokazzjoni, jikkostitwixxu interferenza sproporzjonata fit-tgawdija pacifika tar-rikorrenti ta' hwejjighom. Tali interferenza sproporzjonata, anke jekk munita bl-interess generali u pubbliku mehtieg sabiex jillegittimaha, qeghda tqieghed piz sproporzjonat fuq ir-rikorrenti, in kwantu l-intimati mhumiex qeghdin jipprovdu ghal kumpens xieraq u adegwat sabiex ir-rikorrenti jigu indenizzati ghall-piz li qed jitqieghed fuqhom.

(ii) Il-fatt li ghaz-zmien kollu tar-rilokazzjoni, r-rikorrenti u l-awturi taghhom fit-titolu ma nghataw qatt ebda rimedju jew dritt t'azzjoni adegwat, effettiv u idoneju sabiex huma jkunu jistghu jezigu l-hlas ta' kumpens xieraq ghall-interferenza sproporzjonata subita minnhom u mill-awturi taghhom fit-titolu ukoll jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom.

Bl-Att X tal-2009, dahlu fis-sehh sensiela ta' emendi, inkluz u b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-artikoli 1531B, 1531C, 1531F u 1531K. Madanakollu, l-emendi introdotti permezz tal-legislazzjoni precitata ma jindirizzawx u wisq anqas jirrimedjaw ghal-lezjonijiet subiti mir-rikorrenti, in kwantu tali emendi.

- Jippermettu lill-intimati Vella jibqghu igawdu l-kirja moghtija ghexieren ta' snin ilu, u li tinsab fi stat ta' rilokazzjoni;
- Ma jipprovdux ghal zidiet xierqa u adegwati fl-ammont ta' kera pagabbli lir-rikorrenti;

- Ma jaghtux lir-rikorrenti dritt t'azzjoni jew rimedji adegwati sabiex juru li l-valur lokatizju tal-Fond jeccedi sewwa z-zidiet koncessi mill-emendi fuq imsemmija.

L-emendi ricentissimi imwettqa permezz tal-Att XXIV tal-2021 jindirizzaw uhud mill-vjolazzjonijiet subiti, izda ma joffru ebda rimedju jew kumpens ghall-vjolazzjonijiet subiti sa issa, u wkoll huwa incert kemm jintroducu element adekwat ta' proporzjonalità li huwa mehtieg sabiex il-vjolazzjoni subita mill-esponenti sa issa tigi cessata.

F'kull kaz, ir-rikorrenti qed jirriservaw li jressqu l-azzjoni opportuna sabiex jitolbu l-awment fil-kera.

Ghalhekk qed issir dan ir-rikors.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini kif ukoll l-Att X tal-2009, senjatament izda mhux biss dawk introdotti fil-Kodici Civili permezz tal-artikoli 1531B, 1531C, 1531F u 1531K, jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u tal-awturi taghhom fit-titolu kif tutelati permezz tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

2. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi kollha li jidhrulha xierqa u necessarji sabiex il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali subita mir-rikorrenti tigi rimedjata u titwaqqaf, inkluz tordna l-hlas ta' kumpens pekunarju kif ukoll morali lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li huma lkoll ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, li in forza taghha gie eccepit illi:

Ir-rikorrenti jehtigilhom jippruvaw li tezisti kirja bejnhom u bejn l-intimati Vella u li l-kirja hija wahda regolata bil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti jehtigilhom jippruvaw li huma u l-antekawza taghhom kienu sidien il-kera tul iz-zmien li qeghin jilmentaw minnu.

Safejn it-talbiet rikorrenti jallegaw ksur tal-artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea huma wkoll infondati ghaliex id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69; (i) joperaw f'qafas legali; (ii) ghan legittimu ghax johrog mil-ligi, (iii) ghandhom ghan legittimu fl-interess pubbliku; u (iv) huma proporzjonali.

Bla pregudizzju ghal dak eccepit digà, jekk dato ma non concesso kien hemm ksur tal-artikolu 1 Protokoll 1 tali ksur ma setax ipperdura wara li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju disponibbli ghalihom jew ghall-antekawza taghhom, inkluz bil-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-2021.

Bla pregudizzju ghal dak eccepit digà, jekk dato ma non concesso kien hemm ksur tal-artikolu 1 Protokoll 1 tali ksur ma setax ezista qabel it-30 t'April 1987 skond ma jiddisponi l-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta ta' Consiglia *sive* Connie Vella u Nazzareno Vella, li eccepew illi:

Preliminarjament, qieghed jigi eccepit in-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju u dan stante illi Paul Vella, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 038858(M), flimkien ma' martu Josephine Vella, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 179283(M) huma wkoll ko-inkwilini flimkien mal-intimati tal-fond bin-numru 41, qabel 8, fi Triq Marsaxlokk fiz-Zejtun ("il-Fond"), u minn issa stess l-intimati qieghdin jitolbu l-kjamata fil-kawza tal-istess Paul Vella u martu Josephine Vella.

Ghall-kjarezza, Paul Vella dejjem kien inkwilin tal-Fond, u li wara li zzewweg nhar id-dsatax (19) ta' Gunju 1992 baqa' joqghod fil-Fond ma' martu kif ghadu jirrisjedi hekk sa llum, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Preliminarjament trid issir korrezzjoni fl-okkju ghaliex l-isem tal-konvenuta Nazzarena gie indikat hazin, u jirrizulta li l-isem tal-konvenuta gie indikat bhala 'Nazzarena Vella' minflok 'Nazarena Vella'.

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tat-titolu taghhom ghall-fond in kwistjoni.

Ukoll preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-proceduri odjerni, il-konvenuti Consiglia *sive* Connie Vella u Nazarena Vella, ma jistghux jitqiesu li huma l-legittimi kontraditturi f'din il-kawza kostituzzjonali, u dana peress li din hija materja kostituzzjonali, u per konsegwenza hija biss materja bejn cittadin li jhossu aggravat minn ligi/sitwazzjoni partikolari u l-istat, u fl-ebda hin il-konvenuti Consiglia *sive* Connie Vella u Nazarena Vella ma setghu kkagunaw dak li qieghed jinghad mis-sidien. L-unika haga li ghamlu l-konvenuti Consiglia *sive* Connie Vella u Nazarena Vella kienet li osservaw il-ligijiet vigenti tal-kera. Il-konvenuti ma jistghux jitqiesu li kienu jew huma l-kagun tal-lanjanzi kostituzzjonali tar-rikorrenti, u *ergo* bl-ebda mod ma jistghu jaghtuhom rimedju ghalihom. Ghalhekk, il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Mingħajr pregudizzju ghal dak li gie eċċepit, il-konvenuti qeghdin igawdu minn kirja protetta mil-ligi u dejjem agixxew skont il-ligijiet vigenti matul it-terminu tal-kirja u ghalhekk mhux fil-kompitu taghhom li jwiegbu ghal talbiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali u m'għandhomx ikunu kkundannati bi ksur ta' drittijiet fundamentali stante li ċittadin privat ma jistax ikun misjub li kiser drittijiet fundamentali ta' terzi u fi kwalunkwe każ m'ghandux ikun iċ-ċittadin privat li jħallas hu għal xi ksur ta' drittijiet ta' terzi mill-Istat.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt li l-konvenuti Consiglia *sive* Connie Vella u Nazarena Vella mhumiex il-legittimi kontradittturi huwa rifless ukoll fit-talbiet, fejn jirrizulta li l-ebda talba tas-sidien rikorrenti ma hija diretta lejn il-konvenuti Consiglia *sive* Connie Vella u Nazarena Vella, imma lejn l-ordni legislattiv tal-istat Malti. Ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu estromessi minn din il-kawza, stante li ser ikunu qed iwiegbu ghal proceduri dwar ligijiet vigenti li huma m'ghandhom ebda kontroll fuqhom, *ergo* l-vessatorjetà tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti.

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tar-referenza kostituzzjonali, il-konvenuti jopponu l-allegazzjonijiet kif avvanzati mis-sidien tal-fond numru 41, qabel numru 8, fi Triq Marsaxlokk fiz-Zejtun, u jirrelevaw li ma sehh ebda ksur *da parte* taghhom tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront taghhom ai termini tal-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Lanqas jezistu kawzali ta' zgumbrament stante li l-konvenuti dejjem aderixxew ruhhom skruplozament mal-obbligi tal-kirja inkluz li l-konvenuti dejjem hallsu il-kera skont il-ligi, liema kera dejjem ġiet aċċettata mis-sidien mingħajr ebda riserva.

F'kull kaz, din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti li ghandha tiddeciedi fuq l-izgumbrament o meno tal-intimati.

Oltre dan kollu, zgumbrament fil-kawza odjerna huwa eccessiv u esagerat f'kuntest fejn l-inkwilini, li huma zewg anzjani ta' sitta u tmenin sena sena u tmienja u sebghin sena rispettivament, b'mezzi limitati u ma jippossedux proprjetà immobbli ohra.

L-istess japplika ghal Paul Vella li dejjem ghex fil-Fond bhala l-unika residenza tieghu sa ferm minn qabel is-sena 1995 u liema residenza kompliet matul iz-zwieg bejn Paul Vella u martu Josephine Vella, fejn il-Fond serva bhala d-dar matrimonjali taghhom.

F'punt 10 tar-rikors promotur, ir-rikorrenti rrizervaw li jressqu l-azzjoni opportuna sabiex jitolbu l-awment fil-kera, b'dan illi r-rikorrenti stess qed jammettu li l-kirja odjerna hija wahda protetta u li tista' tigi awmentata billi wiehed isegwi l-procedura stabbilita.

L-allegazzjonijiet tas-sidien kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-fond in kwistjoni huwa okkupat fuq bazi legali ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Kap. 69 ghadu fis-sehh u jifforma parti mill-Ligijiet ta' Malta. Mhux biss, imma l-istess Kap. 69 ghadu kif gie emendat bl-Att Nru XXIV tal-2021, fejn permezz ta' artikolu 4A, sid il-kera ghandu jkun intitolat jipprezenta rikors quddiem il-Bord fejn jitlob li l-kera jigi rivedut ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jigi pprezentat ir-rikors u sabiex jigu stabbiliti kondizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera. Din l-emenda ghall-Kap. 69 iddahlet proprju sabiex l-inkwilin ikompli jgawdi mill-protezzjoni li jaghtih Kap. 69.

Il-konvenuti qieghdin jokkupaw l-fond b'titolu validu ta' lokazzjoni skont il-ligi.

Il-provvedimenti tal-Kap. 69 ma jippruvawx lis-sidien mill-proprjetà taghhom u ma jikkostitwixxux tehid forzuz tal-proprjetà jew tehid obbligatorju izda kontroll ta' uzu ta' proprjetà fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

Sabiex jinghad li kien hemm tehid sforzuz jew obbligatorju, jehtieg li persuna tigi zvestita minn kull dritt li ghandha fuq il-proprjetà, meta fil-kaz odjern l-istat sempliciment irregolarizza sitwazzjoni socjali fl-ambitu tal-gid komuni, minghajr però ma gew ippregudikati d-drittijiet tas-sid *qua* proprjetarji tal-fond *de quo*.

Ai termini tal-proviso tal-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jistabilixxi l-kriterji li ghandhom jitharsu, tenut kont tal-fatturi u c-cirkostanzi kollha, sabiex jigi ffissat il-kumpens li ghandu jithallas fuq il-proprjetà.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qieghdin igawdu d-drittijiet tagħhom fuq il-proprjetà *de quo* b'titolu ta' lokazzjoni kif permessi skont il-ligi u fl-ammont ta' kera kif stabbilita taht il-ligijiet tal-kera u ghalhekk mhux qed tippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti. Oltre dan, permezz tal-artikolu 1531Ċ tal-Kodici Civili inholoq mekkanizmu ta' awment fil-kera li permezz tieghu l-kera tizdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indiċi tal-inflazzjoni.

Il-konvenuti jishqu li m'ghandhomx jidhlu fl-ebda spiza f'din il-litigazzjoni bejn is-sid rikorrenti u l-Istat, u minn issa qeghdin izommu lir-rikorrenti responsabbli ghall-ispejjez kollha li ghamlu u li ghad ikollhom jaghmlu, kif ukoll izommuhom responsabbli ghat-tbatija fizika, psikologika u morali li qieghda tidhol fiha minhabba din il-kawza. Jekk din hija verament kawza purament kostituzzjonali, il-konvenuti setghu facilment jithallew barra mill-gudizzju.

Jekk hemm kumpens dovut mill-Istat, dan ghandu jkun limitat ghaz-zmien li r-rikorrenti saru sidien tal-fond.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, il-konvenuti jitlobu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha billi ssib li inizjalment li l-konvenuti m'humiex il-legittimi kontraditturi, izda u f'kull kaz, li ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sidien rikorrenti ai termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u li ghalhekk il-konvenuti ma ghandhomx jigu kkundannati ghall-hlas ta' xi kumpens jew ta' xi danni jew ta' xi imghaxijiet, u wisq anqas m'ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' din il-kawza, tant li fit-talbiet taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu l-kumpens u danni unikament mill-Avukat tal-Istat.

Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tar-rikorrenti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Vella.

L-intimati Vella jikkontendu illi l-gudizzju ma huwiex integru ghaliex ma gewx imharkka wkoll Paul Vella u martu Josephine Vella. L-intimati Vella jikkontendu illi Paul u Josephine Vella huma wkoll inkwilini ghaliex jirrisjedu fil-fond mertu tal-kawza.

Il-Qorti tibda billi tiddikjara li l-procedura odjerna m'ghandhiex titbiddel f'wahda ta' rikonoxximent ta' inkwilin. Il-procedura kostituzzjonali hija essenzjalment kostretta ghal talba ta' dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' jedd fondamentali u ghal dan il-ghan huwa pjuttost irrelevanti n-numru ta' persuni li qeghdin jokkupaw il-fond prezentement. Li huwa essenzjali huwa l-ezistenza o meno ta' kirja protetta.

Dan premess, jirrizulta inkontestat illi l-intimati Consiglia u Nazzarena Vella jokkupaw il-fond b'titolu ta' kera li huma wirtu minghand l-antenati taghhom. Maghhom jghixu Paul Vella u martu. Paul Vella jidher illi ilu snin twal registrat bhala okkupant tal-fond.

Jirrizulta inkontestat illi r-ricevuti tal-kera dejjem hargu f'isem Consiglia u Nazzarena Vella, li, kif inghad aktar 'il fuq, wirtu l-kirja. Il-Qorti ma ghandha ebda prova li twassalha biex tqis li Paul Vella kellu l-istess jedd maghhom li jiret il-kirja. Il-Qorti lanqas ma hija qeghda b'xi mod tiddikjara illi wara li jigu nieqsa Consiglia u Nazzarena Vella, Paul Vella u martu jkollhom huma xi jedd ghall-kirja. Sal-lum, Paul Vella ma jidhirx li qatt gie rikonoxxut bhala ko-inkwilin. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-prezenza tieghu fil-kawza ma hijiex mehtiega. Il-gudizzju huwa integru bil-partijiet attwali.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Vella u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez rigwardanti din l-eccezzjoni jithallsu minn Consiglia u Nazzarena Vella.

IMHALLEF